

# BIEX TISKONĠRA TRID TKUN PUR!

**MIN JEMMEN BL-GĦAJN U MIN JAGĦMEL IL-QRUN LIL MIN JAĦSEB LI JIXTIEQLU D-DENI. IS-SA YANIKA SCHEMBRI FAVA TAGĦTI ĦARSA LEJN IL-FENOMENU SUPERSTIZZJUŻ TAS-SAĦTA U KIF INHU RIFLESS FIL-VERSI ANTIKI BIL-MALTI LI JINTUŻAW FL-ISKUNĠRAR U WAQT IT-TBAĦĦIR**

Il-versi tas-saħta u tal-iskunġrar kienu u, sa ċertu punt, għadhom iservu lill-komunità f'ħafna waqtiet tal-ħajja. Is-saħta hija l-mibegħda li wieħed ikollu għal xi ħadd; tant ikun jixtieqlu d-deni jew ir-risq ħażin li jisħtu jew 'jgħajnu'. Min-naħa l-oħra, il-versi tal-iskunġrar, kif isejħilhom Ġużè Cassar Pullicino, li ġabar ħafna minnhom, huma "taqbiliet reliġjużi b'element superstizzjuż li jintisġu mill-ġrajja ta' Kristu u tal-qaddisin, bi ħsibijiet dwar it-tifsir tal-ħajja u l-frugħa tan-nies". Cassar Pullicino jfakkarna fil-qawl 'Biex tiskonġra trid tkun pur' bħala xhieda tar-rabta qadima ta' bejn il-funzjoni sopranaturali tal-versi tal-iskunġrar u l-istat spiritwali ta' min ileħħinhom. Fl-imgħoddi ġieli ssejħu 'versi tar-riqi', għalkemm 'riqi' aktar tintuża għal xi mard, ngħidu aħna, 'tirqi s-suffejra', eżempju misjub 'fil-kliem tas-seħer', jiġifieri termini li jkollhom xi effett maġiku.

Il-versi superstizzjużi nsibuhom sa mit-tfulija, bħalma tixhed il-formula tas-saħta fil-bidu tal-paġna li jmiss. It-tfal aktarx jistqarruha biex tidħqilhom ix-xorti, imma sa minn ċkunithom ikunu qed jassimilaw il-prinċipju superstizzjuż antik li biex iġġib ir-risq f'darek trid tixtieq id-deni lil ġarek:

*Saħta bedudu jdur ma' idejk,*
*u jaqtagħlek nofs idejk.*

Dawn id-drawwiet għandhom mis-sagru u l-pagan. Minkejja l-preżenza b'saħħitha tar-reliġjon Kattolika, xi drabi nħasset il-ħtieġa ta' qawwiet oħra. Sa minn żmien l-Inkwiżizzjoni, bosta kienu jkunu akkużati li nqabdu jisħtu jew li nqdew bil-versi maġiċi, imqar jekk f'xi każi jkunu użawhom għal skop tajjeb. Hekk jidher, ngħidu aħna, f'din il-formula vversifikata tal-11 ta' Jannar 1625, li hi parti mix-xhieda ta' każ marbut ma' 40 saħħara Maltija li kienu akkużati li qanqlu l-imħabba jew il-mibegħda u li seħtu jew qalgħu l-flus mis-saħta.

*Jannar, Jannar, ja ħanin, ja ġabbar*
*N. qiegħed fuq siġġu minn tan-nar. Jgħid:*

*"Żarbunu nar!*
*Kalzettih nar!*
*Qalzietu nar!*
*Qmistu nar!*
*Żaqqtu nar!*
*Tewqu nar!*
*Kappellu nar!*
*Kulma fuqu nar!"*

Il-biża' li wieħed jinsteħet qanqal lill-popolin biex joħloq il-versi tal-iskunġrar, bħal dawn il-versi tar-ritwal tat-tbaħħir li huma magħrufa li jkeċċu l-għajn ħażina:

*San Barnabaw jekk haw' xi għajn tmur minn haw',*
*San Pietru ta' Ruma jekk haw' xi għajn terġa' lura.*

L-oġġetti li jintużaw biex jassistu l-qawwa ta' dawn il-versi waqt it-tbaħħir huma ż-żebbuġ ta' Ħadd il-Palm, il-melħ oħxon, it-taġen u s-sulfarini. Bħat-taqbil, anki r-riċetti tat-tbaħħir ivarjaw, tant li hawn min juża wkoll ix-xuxa tat-tewma u biċċa drapp mill-ilbies ta' min ikun seħtu. George Zammit Maempel jagħti użanzi oħra, fosthom li hawn min jemmen li, qabel ma jibda jbaħħar, għandu jara li verament ikun hemm l-għajn billi jaħraq iż-żebbuġ u z-zkuk tiegħu, imberkin nhar Ħadd il-Palm, iqiegħed il-melħ, jiftaħ idejh bħalma jagħmel il-qassis fil-knisja, u josserva l-lewn tad-duħħan. Jekk jibda ġej abjad u jdejn dak li jkun jibdew jegħrqu, ikun hemm każ ta' għajn fid-dar. U din tkun indikazzjoni tal-ħtieġa tar-ritwal sħiħ tat-tbaħħir.

F'ħafna mill-versi u d-drawwiet Maltin marbutin ma' dan ir-ritwal tispikka l-għajn, li tidher li hija l-biża' ta' ħafna Maltin, tant li bħala protezzjoni jħobbu jagħmlu l-qrun u jużaw espressjonijiet bħal 'għajnejk f'għajni' jew il-verżjoni vulgari 'għajnejk f'sormi'. Il-kliem u l-espressjonijiet jistgħu jġorru seħer fihom infushom.

Cassar Pullicino jgħid li dawn it-taqbiliet tant għandhom effett fuq min jemmen fihom, li bilkemm ikun irid itennihom. Jagħti l-eżempju ta' mara li bdiet tgħid is-'Salve Reġina ta' Fuq il-Baħar' u wara ftit waqfet għax ftakret li żewġha kien fuq il-baħar u seta' jiġi bżonnha. La tkun laħqet stqarritha qablu, l-effett tal-formula maġika jintilef.

Ħafna jemmnu li l-versi għandhom jitlissnu b'leħen baxx, bilkemm jinstemgħu. Hekk, ngħidu aħna, jemmnu li għandhom jingħadu dawn il-versi mad-dehra ta' kewkba feġġa li, għalkemm illum nassoċjawha ma' xi xewqa personali, dari kienet marbuta mar-risq ħażin:

*Nostrok ħa tostorni,*
*sa ma tiġi l-mewt tiġborni.*

It-twemmin superstizzjuż hu marbut ma' diversi sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom. Min jibża' minn xi magħmul jew minn xi marda, min jinkwieta fuq l-imħabba, u min jaħseb fuq il-ħajja u l-mewt. Il-versi tas-saħta u l-iskunġrar huma minsuġin bil-ħsieb li jgħinu lil dak li jkun jiżvoga jew iserraħ rasu f'waqtiet bħal dawn ta' tensjoni f'ħajjitna.

**IT-TRADIZZJONI ORALI**

Dan huwa wieħed mis-suġġetti li qed jiġu rriċerkati u diskussi fil-proġett tat-Tradizzjoni Orali tad-Dipartiment tal-Malti fl-Università. It-tradizzjoni orali hija l-wirt komunikattiv ta' dawk li ġew qabilna u tinseġ fiha l-memorji, id-drawwiet, il-fehmiet u l-għerf mgħoddi bil-fomm minn ġenerazzjoni għal oħra, bl-istess mod jew b'xi varjazzjoni. Għandha għamliet diversi, ewlenin fosthom l-għajdut popolari u t-taqbiliet sempliċi, l-għana, il-ħrejjef u l-leġġendi.

Segwi l-attivitajiet tal-proġett minn hawn:
**www.tradizzjoniorali.org**
**www.facebook.com/um.tradizzjoniorali**